**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Antoine Farrugia (KI nru 45772 (M)) bhala prokuratur u mandatarju specjali ta' Joseph Farrugia (KI nru 617734 (M)), ta' Charles Farrugia (Passport Malti Nru 1052888), ta' Maria Farrugia (KI Nru 47941(M)) u ta' Rita Formosa (KI Nru 0660232(M))**

**Vs**

**Louis Pace (KI nru 604354 (M))**

**Rikors Guramentat Numru: 82/16**

Illum 26 ta' Frar 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti nomine et li jaqra hekk:

1. Illi r-rikorrenti proprio huma s-sidien tal-fond numru 89, Triq Bart, Hamrun;

2. Illi l-intimat kien l-inkwilin fil-fond de quo u ghadu qed jokkupa l-istess fond izda huwa moruz fil-hlas ta' sitt skadenzi ta' kera u cioe mis-sena 2011 sas-sena 2016;

3. Illi l-kera pagabbli kienet dik tal-minimu stabbilit mil-ligi ai termini tal-artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi minkejja li l-intimat gie interpellat ghal hlas permezz tal-ittri legali tat-2 ta' Mejju 2014, tal-17 ta' Lulju 2014, tat-22 ta' Settembru 2014 u permezz tal-ittri ufficjali tat-22 ta' Settembru 2014 u 1-15 ta' Settembru 2015 huwa baqa inadempjenti;

5. Illi sal-lum l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf mija hamsa u sittin Ewro u tmenin centizimu (€1165.80) arretrati tal-kera kif ukoll tlett mitt Ewro (€300) spejjez tal-ittri legali tat-2 ta' Mejju 2014, tal-17 ta' Lulju 2014 u tat-22 ta' Settembru 2014 u kwantu ghal mija u sebgha u tmenin Ewro (€187) rapprezentanti spejjez legali ghall-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru 2014 kif ukolll-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 2015;

6. Illi ghalhekk jissussistu r-ragunijiet fil-ligi ghat-terminazzjoni tal-kirja u r-ripresa tal-fond 89, Triq Bart, Il-Hamrun da parti tar-rikorrenti;

7. Illi r-rikorrent jikkonferma u jiddikjara lli sa fejn jaf hu, l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni li jista' taghti kontra t-talbiet li qed isiru permezz ta' dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dan il-Bord sabiex;

1. Jghaddi biex jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf mija hamsa u sittin Ewro u tmenin centizimu (€1165.80) arretrati tal-kera kif ukoll tlett mitt Ewro (€300) spejjez tal-ittri legali tat-2 ta' Mejju 2014, tal-17 ta' Lulju 2014 u tat-22 ta' Settembru 2014 u kwantu ghal mija u sebgha u tmenin Ewro (€187) rapprezentanti spejjez legali ghall-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru 2014 kif ukolll-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 2015;

3. Tiddikjara li l-kirja li kien hemm bejn il-partijiet rigwardanti il-fond numru 89, Triq Bart, Il-Hamrun giet terminata;

4. Konsegwentement tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond numru 89, Triq Bart, Il-Hamrun;

5. Tordna l-izgumbrament ta' l-intimat mill-fond numru 89, Triq Bart, Il-Hamrun u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jistabilixxi dan il-Bord u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tar-rikorrenti ghal kwalsiasi danni rizultanti b'kosegwenza ghall-agir abbuziv ta' l-

intimat;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru 2014 u tal-15 ta' Settembru 2015, bl-imghax legali sal-pagamenti effettivi u bir-rizerva ta' kull azzjoni legali ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kotnra l-intimat li huwa min issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprovdu prova tal-mandat taghhom;

2. Illi sekondarjament, ir-rikorrenti ghandhom jaghtu prova tat-titolu taghhom rigwardanti l-proprjeta' de quo;

3. Illi r-rikorrenti ghandhom jaghmlu prova tal-interpellazzjonijiet taghhom permezz tal-ittri ufficjali u n-notifiki rispettivi;

4. Illi mhux minnu li l-intimat ghandu jaghti s-somma indikata mir-rikorrenti kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

5. Illi mhux minnu li l-kirja ghandha tigi terminata u konsegwentement m'hemmx lok ghal ripresa u zgumbrament;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, ngunt ghas-subizzjoni.

Sema' x-xhieda.

Sema' t-trattazzjoni finali.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrenti li qieghed jagixxi bhala prokuratur ghan-nom tas-sidien tal-proprjeta' inkwistjoni qieghed jitlob li l-kirja li kien hemm bejn il-partijiet tigi terminata u dan minhabba l-morozita' tal-intimat.

Fl-ewwel lok, l-intimat irtira l-ewwel tlett eccezzjonijiet invista li gie dikjarat fis-seduta tal-25 ta' April 2017 li bid-dokumenti prezentati kienu gew sorvolati.

Mir-rizultanzi processwali jirrizulta s-segwenti:

- L-intimat ilu jikri l-fond mertu tal-vertenza odjerna ghal diversi eghxieren ta' snin. Il-kera tithallas kull sena bil-quddiem u l-kera pagabbli kienet dik tal-minimu stabilit mal-ligi ai termini tal-artikolu 1531C tal-Kodici Civili.

- L-intimat kien originarjament ihallas il-kera lil Mary Farrugia, iz-zija tar-rikorrent li pero' f'xi zmien fis-sena 2012 dahlet f'residenza tal-anzjana u beda jiehu hsieb biex jigbor il-kera r-rikorrent Antoine Farrugia.

- Jirrizulta wkoll mill-atti li diga' kienu nfethu proceduri mis-sinjura Farrugia w ohrajn fil-konfront tal-intimat proprju minhabba morozita' permezz ta' kawza numru 13/2012.

- Fil-31 ta' Mejju 2012 il-partijiet ittransigew il-kawza u ftehmu s-segwenti[1]:

  *"Louis Pace qed presenzjalment ihallas 370 euro rapprezentanti l-arretrat tal-kera dovuti u ghas-snin 2010 u 2011 u baqa' tithallas il-kera ta' din is-sena.*
  *Inoltre' l-komparenti Louis Pace qed prezenzjalment ihallas 300 euro bhala spejjez gudizzjarji u jhallas 300 euro ulterjuri mal-kera tal-2013.*
  *Inoltre' l-komparenti Antoine Farrugia jintrabat li jcedi l-kawza li tkun bla taxxa bejn il-partijiet".*

- L-intimat jammetti li huwa wara tali ftehim ma regghax hallas il-kera. Ghalkemm dwar dan il-punt hemm qbil pero' kull parti taghti l-versjoni taghha ghal x'wassal ghal tali stat u fi kwalunkwe kaz in-nuqqas ta' hlas tal-kera wahdu mhux bizzejjed ai fini ta' morozita' fit-termini tal-artikolu 9(a) tal-Kapitolu 69.

[1] Dok DSF a fol 15 tal-process

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Dr Francis Lanfranco et vs Tonio Caruana fl-interess ta' Messrs G. Caruana sive G. Caruana & Bros** deciza mill-Qorti tal-Appell( Sede Inferjuri)[2] gie ritenut:

*"Illi fis-sentenza **John Mary Montenbello vs Jessie Borg,** gew mistharrga l-principji regolatrici f'dina l-materja ta' morozita u dana bl-ghajnuna tal-gurisprudenza:*

*(1) "Il-morozita ghall-finijiet ta' l-Artikolu 10(a) tal-Kapitolu 109 [fil-prezent, Artikolu 9 (a) tal-Kapitolu 69] ma hijiex proprjament nuqqas ta' hlas sic et simpliciter imma nuqqas ta' hlas fit-termini preskritti dekorribbli mill-interpellazzjoni" (Kollez. Vol. XLVII P I p 287);*

*(2)"Rigward l-impuntwalita` l-ligi ma tiddistingwix u titraccja biss kriterju objettiv ghall-accertament ta' l-impuntwalita` ghall-finijiet ta' talba ghar-ripresa ta' pussess ta' fond lokat minghajr riferenza, in linea generali u salvi eccezzjoni kongruwi, ghall-motiv subjettiv li jkun ta' lok ghall-istess impuntwalita`" (Kollez. Vol. L P I p 79);*

*(3) "Jehtieg dejjem li jkunu saru zewg interpellazzjonijiet ghal hlas ghal zewg skadenzi diversi biex ikun hemm morozita" (Kollez. Vol. XLVIII P I p 87);*

*(4)"Il-ligi tikkontenta bil-morozita fil-kors tal-kiri ta' qabel minghajr ma tirrestringi t-terminu ghall-ahhar kirja precedenti" (Kollez. Vol. XXXVII P I p 328);*

*(5) Li jfisser li "jekk l-inkwilin ikun moruz fil-hlas tal-kera fis-sens tal-ligi fi skadenza wahda, u in segwitu s-sid jaccetta l-kera ta' dik l-iskadenza u ta' l-iskadenza ta' warajha minghajr ma jaghmel ebda rizerva, b'mod illi, jekk in segwitu l-inkwilin jigi moruz fi skadenza ohra, is-sid ma hux prekluz li jagixxi ghall-izgumbrament ta' l-inkwilin minhabba morozita f' zewg skadenzi" (Kollez. Vol. XLVI P I p 289)[3];*

*Premess dan allura, fil-kwistjoni ta' morozita' fil-hlas ta' kera dovut, jehtieg li l-Bord ikun konvint minn zewg rekwiziti u cioe' l-ewwel li l-intimat verament kien inadempenti fl-obbligu tieghu anke jekk tardivament u it-tieni jekk kienx hemm xi fattur li jista' jiggustifika dik l-istess inadempjenza b'mod allura li tista' tiskolpa lill-inkwilin mill-konsegwenzi ta' dik l-inazzjoni. (ara f'dan ir-*

---

[2] Deciza fit-30 ta' Settembru 2015
[3] Deciza fis-27 ta' Gunju 2007

*rigward Joseph u Carmen ahwa Darmanin vs Giljan Cutajar App 23/11/05). Dan ghaliex:*

*"f'materja fejn il-ligi trid tissalvagwarda d-dritt tas-sid ghal hlas tal-kera li hu wiehed mill-obbligi principali ta' l-inkwilin, is-sanzjoni ultima tal-izgumbrament hi naturalment mehtiega u ghandha tigi applikata, imma dan biss f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi strettament timponiha. Id-dicitura tal-ligi ghandha tigi allura applikata, imma l-interpretazzjoni li ghandha tinghata ghandha tkun restrittiva, anke jekk korretta. Dan ghaliex is-sanzjoni ta' l-izgumbrament ma hijiex mahsuba fil-ligi bhala xi vantagg li jista' jakkwista s-sid bhala konsegwenza tan-non pagament tal-kera fit-terminu stabbilit, imma bhala deterrent biex l-inkwilin jadempixxi l-obbligi tieghu li jhallas ilkera. Hu ghalhekk li l-gurisprudenza hi konkordi u ma timponix is-sanzjoni ta' l-izgumbrament f'dawk il-kazijiet fejn id-dispost tal-ligi ma jkunx gie osservat bi precizzjoni jew fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li l-inkwilin ikun legalment gustifikat fl-inosservanza ta' l-obbligi kontrattwali tieghu" ('Vella vs Galea', Appell 24 ta' Jannar 1997)."*

Illi jrid ukoll jigi rilevat li huwa assodat illi l-interpellazzjoni ghall-hlas tista' ssir anke bil-fomm. Dan anke ghaliex il-ligi imkien ma ssemmi li din trid bilfors issir bil-miktub[4].

Jehtieg issa ghaldaqstant isir ezami ta' dak li rrizulta mix-xhieda tal-partijiet:

Mix- xhieda ta' Antoine Farrugia[5] jirrizulta li z-zija tieghu dahlet fid-dar tal-anzjani fis-sena 2012. Ghalhekk meta kienu saru l-ewwel proceduri fil-konfront tal-intimat kienet ghadha z-zija li tiehu hsieb u fethitha hija izda imbaghad il-kawza spicca kompla jiehu hsiebha huwa. Wara li nfethet il-kawza, l-intimat u huwa kienu ltaqghu ghand Dr Herrera u waslu ghal ftehim. Kif jirrizulta mill-iskrittura ezebita l-intimat kien hallas il-kera relattiva ghas-snin 2010 u 2011 u madwar €300 rapprezentanti spejjez tal-kawza. Minn dakinhar sena, billi l-kera tithallas kull sena, cempillu ghall-kera. L-intimat qallu li kien se jhallsu izda baqa' ma hallasx la l-kera u lanqas l-ammont l-iehor miftiehem fuq l-iskrittura ossija €300 ohra li kienu l-kumplament tal-ispejjez tal-kawza. L-ahhar pagament kien meta l-intimat hallas fuq l-iskrittura. Is-sur Farrugia xehed ukoll li huwa darba biss kellem lill-intimat u talbu l-kera bil-fomm u dan jirrizulta li

[4] Ara **Carmelo Briffa vs Vincent Buttigieg** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta' Gunju 2003
[5] Seduta tal-1 ta' Dicembru 2016

kien ghall-kera tas-sena 2012. Sussegwentement intbaghtu zewg ittri ufficjali. L-intimat qatt ma mar joffri l-kera u r-rikorrenti sostna li huwa qatt ma irrifjuta l-hlas tal-kera.

Louis Pace min-naha tieghu[6] xehed li ilu jghix fil-post *de quo* mis-sena 1977. Huwa kien hallas il-kera kull sena lil Mary Farrugia sakemm spiccat f'residenza tal-anzjani u ma kienx jaf x'sar minnha. Huwa xehed li l-ittri li ntbaghtulu kiluhomlu l-klieb tieghu u qal ukoll li huwa ma jafx jaqra. L-intimat qal li huwa cempel lis-sur Farrugia u offrilu €185 izda s-sur Farrugia qallu biex johrog mill-fond. Spjega li meta kienet infethet l-ewwel procedura kontrih huwa kien mar fl-ufficcju tal-avukat Herrera u qallu li xtaq jirranga u qalulu li kien hemm madwar €650/€680 spejjez u huwa accetta li jhallashom. Isostni li kellu jhallas €1,300 meta huwa dejjem hallas il-kera u l-problemi nqalghu minn mindu dahal fix-xena is-sur Farrugia. Ighid li huwa mhux ghaliex ma jridx ihallas kera. Xehed ukoll li sena wara, is-sur Farrugia cempillu u talbu €670 ohra. L-intimat kompla *"Ghidtlu 670 ta' sena ohra. Dan post tal-185. Jien ha nehel €1400. Ghidt jien mignun? Ghidt u gejja €670 ta' xhiex dan?"* Dak il-hin staqsa lis-sur Farrugia fejn kien biex ihallsu €185 u skontu s-sur Farrugia qallu biex johrog mill-fond. Huwa ma halalsx imbagahd dak li talbu.

In kontro-ezami l-intimat qabel li huwa minn dakinhar li giet iffirmata l-iskrittura ma hallasx aktar kera ghaliex beda jcempel lis-sur Farrugia u ma riedx jaqbdu. Huwa lanqas kien jaf li tista' tiddepozita l-kera fir-registru tal-Qorti. Qal li huwa m'ghandux tort jekk is-sinjura Frarugia dahlet f'residenza ghaliex huwa mar ihabtilha u ghandu xhud ta' hekk. L-intimat qal ukoll li s-sur Farrugia qallu biex ihallihom ma' xi hadd imma huwa ma jafx ma min kien se jhalli l-flus.

Dan il-Bord irid iqis jekk fil-fatt il-kawzali tal-morozita' gietx ippruvata mir-rikorrenti.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-ahhar kera li hallas l-intimat inkwilin kien meta giet iffirmata l-iskrittura privata fil-31 ta' Mejju 2012 in segwitu ta' procedura li kienu nfethu kontrih fil-Bord li Jirregola l-Kera mis-sidien proprju minhabba nuqqas tieghu li jhallas il-kera. Minn qari ta' tali skrittura jirrizulta li l-intimat kien hallas l-ammont ta' €370 bhala parti mill-ispejjez gudizzjarji. Fuq l-istess skrittura l-partijiet ftehmu li Louis Pace kellu jhallas l-kumplament tal-ispejjez gudizzjarji fl-ammont ta' €300 mal-kera tas-sena 2013. Fl-istess skrittura hemm car u tond li kien ghad fadal tithallas il-kera tas-sena 2012.

[6] Seduti tal-1 ta' Dicembru 2016 u 8 ta' Gunju 2017

L-intimat jammetti fix-xhieda tieghu li wara l-iffirmar ta' tali skrittura huwa ma regghax hallas kera. Gab hafna argumenti futili in verita'. Filli jsostni li ma jafx lis-sur Farrugia mentri huwa kien diga' ltaqa' mieghu meta giet iffirmata l-iskrittura. Oltre' dan is-sur Pace ma fehemx li meta s-sur Farrugia cempillu u jghid li talbu €670 dawn kienu jirraprezentaw l-arretrati ta' kera tas-sena 2012 u 2013 u l-ammont ta' €300 li huwa kien ftiehem li kellu jhallas bhala l-kumplament tal-ispejjez gudizzjarji. Billi huwa evidenti li ma fehemx ghalfejn kien qieghed jintalab dak l-ammont kollu ma hallas xejn. Ma jirrizultax meta saret it-telefonata tas-sur Farrugia bi preciz ghalkemm is-sur Farrugia xehed li kien cempillu meta giet dovuta l-kirja tas-sena 2012 izda fil-fehma tal-Bord dan x'aktarx kien skorrett u dan tenut kont tal-ammont li intalab mill-intimat.

Mill-atti jirrizulta wkoll li apparti l-interpellanza bil-fomm, intbaghtu zewg ittri ufficjali mir-rikorrenti lill-intimat. L-ewwel wahda ntbaghtet fit-22 ta' Settembru 2014. L-intimat Louis Pace gie interpellat sabiex jizgombra mill-fond fi zmien gimgha stante li kien moruz fil-hlas tal-kera ghal aktar minn zewg skadenzi. Gie interpellat ukoll sabiex fl-istess smien jersaq ghall-hlas tal-fuq imsemmija kera u jhallas is-somma ta' €1067 rapprezentanti inkwantu ghal €867 arretrati ta' kera u l-ohrajn rapprezentanti spejjez. Tali ittra giet notifikata lill-intimat.

Fil-15 ta' Settembru 2015 regghet intbgahtet ittra ufficjali ohra prattikament identika ghall-ittra ufficjali l-ohra hlief li l-arretrati tal-kera mitluba telghu ghal €1052. Anki tali ittra giet notifikata lill-intimat.

Jigi nnutat li fl-ebda minn dawn l-ittri ma ssir referenza ghal-liema skadenzi ta' kera qeghda ssir referenza izda huwa evidenti li gialadarba l-intimat ma hallas xejn mis-sena 2012, kif ammess minnu, li l-istess ittri ufficjali kienu qeghdin jirreferu ghall-iskadenzi successivi u f'dan il-kaz konsekuttivi u dan anki ghaliex fit-tieni ittra l-ammont tal-kera mitlub kien oghla u mill-kalkoli huwa evidenti li kienet qeghda tintalab l-iskadenza successiva. Ladarba r-rikorrenti ghazlu t-triq li jinterpellaw lill-inkwilin permezz ta' ittra ufficjali kien ikun ferm desiderabbli li l-iskadenzi jigu indikati bi precizjoni bhalma solitament isir. L-intimat imkien ma ssolleva dan l-ilment u dan billi anki huwa evidenti ghalih ghal-liema skadenzi qeghda ssir referenza ghalihom anki ghaliex huwa xehed b'mod skjett li ma hallasx kera minn dakinhar li ffirma l-iskrittura ta' transazzjoni. L-intimat sostna li l-klieb kielulu l-ittri. Fil-fehma tal-Bord din hija skuza pwerili u anki kieku kienet veru (li allura b'kumbinazzjoni dan l-avveniment gara sena wara l-ohra!!) messu ha l-prekawzjonijiet biex l-ittri li jircievi jibqghu shah u intatti! Il-hlas baqa' ma sarx nonostante l-

interpellazzjonijiet u anke wara l-ftuh ta’ dawn il-proceduri lanqas gew iddepozati permezz ta’ cedola fir-Registru.

Dan il-Bord ma jsib l-ebda gustifikazzjoni ghal tali nuqqas tal-inkwilin. Kuntrarjament ghal dak li pprova jaghti x’jifhem l-intimat huwa kien jaf min huwa s-sur Farrugia, u jekk huwa ma setax jifhem ghalfejn intalab ammont akbar mill-kera (tenut kont li kien iffirma skrittura) kellu jfittex parir legali. Bhala inkwilin kien fl-obbligu u fid-dover li jassigura li l-kera dovuta tithallas.

Inkwantu ghat-talba tar-rikorrenti jinghad li ma giex ippruvat minnhom l-ammont ta’ €300 rapprezentanti spejjez tal-ittri legali. Kwindi l-intimat se jigi ordnat ihallas biss l-arretrati tal-kera ossija €1165.80. Il-hlas li sar ghall-pubblikazzjoni kemm fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-Gazzetta lokali se jigu inkluzi mal-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta’ u jiddeciedi billi, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tar-rikorrenti[7], jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-intimat tenut kont li gew irtirati, jichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat, u ghalhekk jilqa’ t-talbiet l-ohra tar-rikorrenti sakemm dawn huma kompatibbli ma’ dak hawn fuq deciz u ghalhekk:

1. Jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf mija hamsa u sittin Ewro u tmenin centizimu (€1165.80) arretrati tal-kera;

2. Tiddikjara li l-kirja li kien hemm bejn il-partijiet rigwardanti il-fond numru 89, Triq Bart, Il-Hamrun giet terminata;

3. Konsegwentement tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond numru 89, Triq Bart, Il-Hamrun;

4. Tordna l-izgumbrament ta' l-intimat mill-fond numru 89, Triq Bart, Il-Hamrun u dan fi zmien perentorju ta’ erbgha (4) xhur u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tar-rikorrenti ghal kwalsiasi danni rizultanti b'kosegwenza ghall-agir abbuziv ta' l-intimat;

[7] Tenut kont li l-intimat inghata d-dritt li jipprezenta risposta

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru 2014 u tal-15 ta' Settembru 2015, inkluz dawk rizultanti mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-Gazzetta lokali u bl-imghax legali sal-pagamenti effettivi ghandhom ikunu sopportati mill-intimat, hlief ghalli-spejjez li huma relatati mal-ewwel talba tar-rikorrenti li ghandhom jkunu a karigu tal-istess rikorrenti.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**